# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M, LL.D.

Seduta tas-6 t'Ottubru, 2016

Appell Nru: 132/2015

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Anthony Cremona**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant Anthony Cremona detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 238771 M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli meta b' diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u jkunu gew maghmula b' risoluzzjoni wahda, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut bil-kuntratt minn Jannar 2014 sa Settembru 2014 naqas li jaghti lil Djonisja Cremona u / jew lill-ulied is-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulat bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u / jew ghall-ulied fi zmien 15-il jum li fih skont dik l-ordni jew dak il-kuntratt ikollha tithallas dik is-somma;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tad-9 ta' Marzu, 2015, li biha, wara li rat l-Artikolu 338 (z) u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-imputat hati u kkundannatu ghal xahrejn prigunerija;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Anthony Cremona, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-18 ta' Marzu, 2015, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza appellata, u fin-nuqqas tirriformaha kwantu ghall-piena billi timponi piena miti fic-cirkostanzi tal-kaz;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semghet lill-Dionisja Cremona bil-gurament li ddikjarat illi wara li inghatat s-sentenza appellata mill-Qorti tal-Magistrati, l-appellant hallas il-manteniment lilha dovut;

Rat in-nota tal-appellant prezentata fil-15 ta' Settembru, 2016 li biha irtira l-ewwel aggravju u zamm ferm it-tieni wiehed;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-appellant jikkwerela s-sentenza tal-Qorti tal-ewwel grad fuq il-gravami li qatt ma seta' jinstab hati minhabba li kien fl-impossibilita' li jhallas il-manteniment minnu dovut liema aggravju kien irtirat mill-istess appellant u ghalhekk din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu;
2. Illi kwantu ghal-piena, l-appellant talab lil din il-Qorti li in vista tal-fatt illi huwa hallas il-manteniment fil-mori, ghandu jkun hemm varjazzjoni fil-piena inflitta mill-ewwel Qorti;
3. Illi kif maggorment ritenut minn din il-Qorti fi kwistjonijiet konsimili fejn l-appellant ikun ottempera ruhu fil-mori, ikun intlahaq l-iskop tal-legislatur li kien introduca l-artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

4. Illi għalhekk hemm lok għal temperament fil-piena u għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tikkonfermaha in kwantu għall-ħtija izda tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant xahrejn detenzjoni u minflok tikkundannah għall-ħlas ta' *ammenda* ta' tmienja u ħamsin euro u tlieta u għoxrin ċentezmu (€58.23).